*GĦALL-FESTA TAS-SALVATUR*
*F'ĦAL-LIJA.*

F'DAN IL-JUM
L-ISBAĦ FOST JIEM IS-SENA
IS-6 TA' AWISSU
LI JFAKKARNA
FIT-TBIDDILA TA' ĠESÙ SALVATUR
FUQ IT-TABOR
F'DIN IL-KNISJA
ĠIEĦ TA' ARTNA
U XHIEDA TA' MĦABBET NIESNA
LEJN KRISTU SALVATUR TAGĦNA
AĦNA L-KOLL GĦALENIJA
B'QALBNA KOLLHA U B'RUĦNA KOLLHA
LILEK JA MULEJ INWIEGĦDU
BĦALMA DEJJEM WEGĦDUK NIESNA
LI L-KELMA TA' IBNEK IL-MAĦBUB NISIMGĦU
U LILEK NITOLBU
BIEX ID-DIJA, IL-ĠMIEL, IL-KOBOR
LI HU GĦAL ĦIN WIEĦED WERA
LIL PIETRU, LIL GAKBU, LIL ĠWANNI
LILNA WKOLL INT TURI
GĦAL DEJJEM FIS-SEMA.

P. P. S.